**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Novembru, 2017**

**Talba Nru: 492/2017PM1**

**I.G. Enterprises Limited (C18849)**

**Vs**

**Donna Andrews (K.I. 203386(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 t'Ottubru, elfejn u sbatax (2017) illi l-konvenuta ghandha tigi dikjarata debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' sitt mija u hamsa u sittin Ewro (€665) rapprezentanti bilanc fuq kirja u danni kkawzati fuq vettura tal-ghamla Chevrolet Matix bin-numru ta' registrazzjoni EBK882 u li kwindi t-Tribunal ghandu jikkundanna lill-istess konvenuta sabiex ihallas lir-rikorrenti l-imsemmija somma bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribli skont il-ligi kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-lum.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tal-lum stess permezz ta' liema fisser it-talba tas-socjeta` attrici, ikkonferma l-kontenut tal-avviz u prezenta wkoll dokumenti a sostenn tat-talba.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tattendi ghas-seduta tal-lum u lanqas prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi permezz tax-xhieda taghha moghtija llum stess, ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici, apparti li kkonferma l-kontenut tat-talba odjerna, ikkonferma wkoll li l-ammont mitlub ghadu dovut mill-intimata sal-gurnata tal-lum ukoll a bazi tad-dokumenti ezebiti minnu waqt l-istess seduta.  Huwa spjega li l-intimata zammet il-vettura de quo oltre t-terminu pattwit b'dannu ghall-interessi kummercjali tas-socjeta` attrici u perdipiu` wettqet hsara fuq l-istess vettura, liema hsara tinkludi wkoll spejjez sabiex tnadfet il-vettura mill-hmieg li halliet warajha l-intimata u kumpens dovut fir-rigward ta' kontravvenzjonijiet rizultanti mill-uzu indebitu tal-vettura mill-istess intimata.

Illi ghaldaqstant jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija sodisfacentement ippruvata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u hamsa u sittin Ewro (€665) rapprezentanti bilanc fuq kirja u danni kkawzati fuq vettura tal-ghamla Chevrolet

Matix bin-numru ta’ registrazzjoni EBK882 bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribli skont il-ligi kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**